**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 ta' Jannar, 2018**

**Talba Numru: 456/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 21**

**Meli Car Rentals Limited (C4312)**
**90, Triq Patri G Spiteri Fremond,**
**Qormi**

**Vs**

**Stephanie Ellul Vincenti**
**8 Flat 5,**
**St Francis Street,**
**Sliema**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-28 ta' Settembru, 2017 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' disa' mija u sitta u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€996.63c) rapprezentanti prezz ghal servizzi u parts fornuti lill-intimat in rigward tan-negozju tieghu.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut giet debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal u ghalhekk huwa kontumaci.

Ra l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru, 2017 li permezz tieghu s-socjeta' attrici rriduciet is-somma ghall-ammont ta' seba' mija u sitta u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€796.93c).

Ra li fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2017 il-konvenut baqa' ma deherx ghas-seduta u gew prezentati kapitoli mis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li semgha lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u sitta u disghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€796.63c) bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**